**Quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji**

**Każ Nru. 363/2016**

**NT u GT**

**vs**

**Crystal Finance Investments Ltd.**

**(C 26761)**

**Seduta tas-26 ta' Jannar, 2017**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** ippreżentat fit-13 ta' Lulju, 2016, fejn l-ilmentaturi qegħdin jilmentaw illi, bħala persuni li llum għandhom 76 u 83 sena, qatt ma riedu jidħlu f'investiment riskjuż bi flus li qalgħu bix-xogħol tagħhom.

Il-provditur tas-servizz qatt ma semmielhom li l-investiment odjern kien wieħed riskjuż, u kieku kienu jafu b'dan, ma kienux jinvestu f'dan it-tip ta' investiment. Il-parir inadegwat, jew in-nuqqas ta' parir tajjeb, wassal għal telf fil-kapital jew parti minnu.

L-ilmentaturi jippretendu li jingħataw il-kapital kollu li kienu investew lura, u jikkalkolaw is-somma li għandha tintradd lura lilhom fl-ammont ta' tlett elef Ewro (€3,000).

**Ra r-riposta**

1. Illi preliminarjament, l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji (l-"Arbitru") m'għandux ġurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeċiedi l-vertenza odjerna billi l-partijiet issottomettew għal ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta u dan ai termini tal-Artikolu 17 tat-*Terms of Business Agreement* (anness u mmarkat bħala 'Dok CFI1') liema artikolu jispeċifika bl-aktar mod ċar illi '*This Agreement is subject to the Laws of Malta and any dispute, which*

*may arise therefrom, shall be subject to the jurisdiction of the Maltese Courts'* u għalhekk l-Arbitru għandu jiddeċiedi li jieqaf f'dan l-istadju milli jipproċedi bis-smiegħ u deċiżjoni dwar il-mertu ta' dan l-Ilment;

2. Illi wkoll preliminarjament, fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni u għall-eċċezzjonijiet li jsegwu, l-azzjoni kontra s-Soċjeta` Esponenti waqgħet bil-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi kwalsiasi forma ta' interazzjoni extra-kuntrattwali jew kuntrattwali li setgħet seħħet bejn il-partijiet, u r-relazzjonijiet bejn il-partijiet jekk qatt kienu jeżistu tali relazzjonijiet diretti, seħħew sew qabel id-dekadenza tal-perjodi ta' preskrizzjoni applikabbli;

3. Illi preliminarjament ukoll u dejjem mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit u għall-eċċezzjonijiet li jsegwu, l-Ilment kif propost huwa irritu u null u għall-ekonomija tal-ġudizzju f'dan l-istadju l-Arbitru għandu jiddeċiedi li ma jipproċedix bis-smiegħ u deċiżjoni dwar il-mertu tal-Ilment billi ma jirriżultax illi TT huwa mandatarju ta' NT u GT u anke jekk huwa l-mandatarju tal-konjuġi NT u GT, skont l-Artikolu 1866 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mandatarju huwa prekluż milli jressaq l-Ilment f'isem il-mandanti tiegħu meta dawn il-mandanti ma jkunux neqsin minn Malta fejn qiegħed jiżvolġi dan l-arbitraġġ;

4. Illi preliminarjament ukoll u dejjem mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit u għall-eċċezzjonijiet li jsegwu, is-Soċjeta` Esponenti teċċepixxi in-nullita` tal-Ilment ai termini tal-Artikolu 789(1)(c) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu iffaċċjata bl-Ilment kif ġie redatt, is-Soċjeta` Esponenti ma tistax tressaq difiża adegwata billi mill-istess Ilment ma jirriżultax/jirriżultawx in-nuqqas/ijiet tas-Soċjeta` Esponenti li jagħtu lok għall-Ilment u kwalunkwe dritt pretiż minnu. Fiċ-ċirkostanzi ma huwiex possibbli li s-Soċjeta` Esponenti tagħraf il-bażi tal-istess Ilment (u allura l-eċċezzjoni u sussegwentement il-prova li trid tressaq) biex tiddefendi lilha nfisha adegwatament kif hu dritt indisputat tagħha u xi provi tressaq biex ixxejjen il-pretensjoni għad-danni allegati li, fi kwalunkwe każ, huma r-riżultat ta' fatturi totalment estranei għas-Soċjeta` Esponenti;

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, subordinatament u fil-mertu, l-Ilment u l-allegazzjonijiet tal-atturi huma għal kollox fiergħa u nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż għaliex f'kull waqt is-Soċjeta` Esponenti aġixxiet kif rikjest mill-qafas regolatorju applikabbli u skont l-ogħla livell ta' diliġenza mistennija fil-liġi, kif jista', jekk ikun hemm il-ħtieġa, jiġi ampjament ippruvat waqt is-smiegħ ta' dan il-każ;

6. Illi wkoll fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost u għall-eċċezzjoni li ssegwi, l-Ilment ma huwiex ġustifikat in kwantu huwa ċar ukoll li kwalunkwe telf li ġarrbu l-investituri kien riżultat ta' *Credit Risk,* riskju inerenti ta' investiment f'*bonds* bħal dak li fihom investew u liema *bond* kien, fil-ħin meta ngħata l-parir lill-atturi, jgħodd jew *suitable* għalihom u tul ir-relazzjoni kollha bejn il-partijiet li beda fis-sena 2005, qatt u fl-ebda mument ma kien hemm investiment negliġenti, mhux skont kif tirrikjedi s-sengħa u l-arti u mhux konformita` mal-istruzzjonijiet tal-atturi stess;

7. Illi wkoll fil-mertu u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, għalkemm l-Ilment huwa dwar telf ta' flus fuq tliet investimenti differenti, fl-istess Ilment konvenjentement ma jissemmix li l-investituri li f'isimhom qiegħed isir l-Ilment, ilhom jinvestu f'*bonds* u investimenti tal-istess tip mill-2010 sa llum u kovenjentement ma jissemmix ukoll li jekk wieħed iqis l-investimenti kollha tal-istess investituri tal-istess tip li saru tramite s-servizzi tas-Soċjeta` Esponenti, sal-lum dawn l-investituri għamlu qligħ ta' madwar €5,000, u dan saħansitra wara li jitnaqqas it-telf fuq investimenti bħall-*bonds* mertu tal-Ilment li naqsu fil-valur.

8. Illi, fl-aħħarnett, jingħad illi s-Soċjeta` Esponenti ma tħossx illi hemm rimedju għall-Ilment kif imressaq mir-rikorrenti peress illi l-Ilment mhuwiex ġustifikat.

**Sema' x-xhieda,**

**Ra n-nota ta' sottomissjonijiet mill-provditur tas-servizz,**

**Ra l-atti l-oħra tal-każ,**

**Jikkonsidra:**

**Eċċezzjoni dwar ġurisdizzjoni**

Din l-eċċezzjoni hija ibbażata fuq it-*Terms of Business Agreement*[1] b'referenza għall-Klawsola 17 intestata *'Governing Law'.*

L-Arbitru għandu riżervi kbar dwar dan id-dokument kumplikat, tekniku u b'tipa rqiqa li jagħmlu aktar diffiċli biex taqrah. Komputat mal-fatt li dokument daqshekk tekniku ma ġiex moqri u spjegat lill-ilmentaturi u ffirmawh għaliex kellhom fiduċja fir-rappreżentant tal-provditur tas-servizz: [2]

'Qed niġi murija mill-Arbitru Doc CFI 1 li hu t-*Terms of Business Agreement*. Ngħid li dan id-dokument ma nafx x'fih. Mistoqsija mill-Arbitru għalfejn iffirmajt id-Doc CFI 1, ngħid għaliex *just* qalli iffirma hawnhekk u jien iffirmajt. Ngħid li ma qagħdux jispjegawli biċċa, biċċa x'fih id-dokument imma sempliċiment qalli biex niffirma'.

Ma jistax jingħad li l-ilmentaturi iddiskutew il-klawsola arbitrali biex jeskludu lil dan it-Tribunal, u jillimitaw irwieħhom għal ġurisdizzjoni esklussiva tal-Qrati.

Apparti dan, konvenjentement, il-provditur tas-servizz ma jsemmix Klawsola 16 tal-istess dokument fejn jingħad li jekk l-ilmentaturi riedu jagħmlu ilment dawn setgħu imorru għand l-MFSA (il-*Consumer's Complaints Unit*), u għalhekk mhux minnu li l-Qrati kellhom ġurisdizzjoni esklussiva.

L-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji ħa post dan il-*Unit* tal-MFSA u l-każi li jmorru hemm qed jiġu riferiti lill-Arbitru peress li dan il-*Unit* qed jiġi xolt.

Għalhekk l-ilmentaturi ma kellhomx triq oħra ħlief li jġibu l-każ tagħhom quddiem l-Arbitru li ħa post dik l-entita` li kienet immexxija mill-MFSA.

Apparti dan, il-Klawsola 17 hija klawsola dwar ġurisdizzjoni territorjali. Anke kif inhi intestata bħala *'Governing Law'*, l-intenzjoni tagħha kienet li peress il-qasam tas-servizzi finanzjarji huwa servizz li jinbiegħ anke lil persuni barranin, l-iskop ta' din il-klawsola kien li jistabbilixxi li l-liġi li tiggverna dak il-ftehim kienet il-Liġi Maltija f'kuntrast mal-liġijiet ta' pajjiżi oħra, u l-Qrati Maltin f'kuntrast ma' Qrati barranin.

It-*Terms of Business Agreement* esebita ġiet iffirmata fid-19 t'April 2016, meta l-ilmentaturi u l-provditur tas-servizz kien ilhom is-snin f'relazzjoni kuntrattwali.

[1] A fol 20 et seq
[2] A fol 41

Għaliex ġiet iffirmata tant snin wara mhux spjegat, u għalhekk, l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza ta' dan il-forum hija waħda inġusta għaliex il-klawsola msemmija iddaħħlet ferm wara li l-provditur tas-servizz kien ilu jagħti servizz lill-ilmentaturi ta' lanqas mill-2010.

Fil-ġurisprudenza tagħna ġie osservat fil-kawża fl-ismijiet "Edgar Cuschieri - vs- Perit Gustavo R. Vincenti", Appell Ċivili, 13 ta' Frar, 1950, illi "meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruħhom ċar, jew posterjorment għall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bħala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx ġiet preveduta u li hemm bżonn tiġi maqtugħa, allura l-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni; u din għandha tiġi primarjament interpretata skont l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu ħadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher ċar mill-kumpless tal-konvenzjonijiet."[3]

Il-leġiżlatur ħaseb biex jipprovdi dan il-forum speċjalizzat biex jiddisponi aħjar minn ċerti tilwimiet fis-settur finanzjarju. Għalkemm il-kompetenza tal-Qrati ma ġietx eskluża, u l-Arbitru għandu kompetenza konkorrenti, l-intenzjoni preżunta tal-partijiet dwar din l-okkorrenza hi li huma jaqblu li jipprevalixxu ruħhom minn din l-għodda proċedurali iktar idoneja mill-Qrati ipprovduta mil-leġiżlatur.

Skont il-Kap. 555 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Arbitru għandu kompetenza jisma' każi li jmorru lura sa l-1 ta' Mejju 2004,[4] u jkollu kompetenza kemm-il darba l-partijiet huma 'klijenti eliġibbli' u provditur tas-servizzi finanzjarji skont id-definizzjoni tal-liġi.[5]

F'dan il-każ, dawn il-voti tal-liġi f'dan ir-rigward huma sodisfatti.

Wieħed mill-għanijiet ta' dan l-Att kien li jnaqqas il-pressjoni minn fuq il-Qrati Ordinarji u jistabbilixxi Tribunal speċjalizzat f'dan il-qasam li jkun anqas formali u spenduż, u minħabba n-natura informali u speċjalizzata tiegħu ikun f'pożizzjoni li jagħti deċiżjoni f'iqsar żmien.

Kieku l-Arbitru kellu jaċċetta l-eċċezzjoni dwar ġurisdizzjoni, jkun qed iġib fix-xejn l-intenzjoni tal-leġiżlatur u ammont kbir ta' każi li ġew quddiemu jispiċċaw quddiem il-Qrati Ordinarji.

Għal dawn il-mottivi l-Arbitru qed jiċħad din l-eċċezzjoni.

---

[3] Paul Camilleri vs Joseph Glanville – Prim'Awla – Imħallef Philip Sciberras – 28.04.2003

[4] Kap. 555 Art 21(1)(a)

[5] Ibid. Art 2

**Eċċezzjoni dwar preskrizzjoni**

Il-provditur tas-servizz jagħti l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a bażi 'tal-Artikolu 2156' tal-Kodiċi Ċivili.

Dan il-każ jittratta dwar relazzjoni kuntrattwali li twieldet minn tranżazzjoni li saret bejn konsumatur u kummerċjant u għalhekk dwar preskrizzjoni japplika Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.

Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li d-data tal-preskrizzjoni tibda tgħodd minn dakinhar li tkun tista' ssir l-azzjoni.

Il-provditur jgħid bil-maqlub; ċioe` li d-data tal-preskrizzjoni għandha tgħodd mid-data minn meta l-ilmentaturi investew mal-provditur u mhux minn meta investew u l-prodott allegatament mar ħazin. Dawn l-investimenti saru f'Novembru 2013 u Mejju 2016, u l-allegatament andament ħazin tagħhom seħħ wara u minn dakinhar li setgħu jagħmlu l-azzjoni.

Il-provditur bl-ebda mod ma ipprova din l-eċċezzjoni. Anke kieku d-data tal-preskrizzjoni kellha tibda mid-data tal-investimenti *de quo*, (li mhux il-każ), il-preskrizzjoni ta' ħames snin għadha għaddejja.

Għal dawn il-mottivi din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

**Eċċezzjonijiet dwar nullita`**

Eċċezzjonijiet tlieta u erbgħa huma dwar nullita` tal-azzjoni. Dwar l-eċċezzjoni numru tlieta li titkellem dwar li TT ma jirriżultax li huwa mandatarju ta' NT u GT '... il-mandatarju huwa prekluż li jressaq ilment… meta dawn il-mandanti ma jkunux neqsin minn Malta…….'

Mhux minnu li TT qed jidher minflok l-ilmentaturi. Il-formola tal-ilment imtliet mill-ilmentaturi, iffirmata minnhom u TT iffirma bħala rappreżentant tagħhom kif jipprovdi l-Kapitolu 555. Fil-fatt, TT ma deher qatt u l-ilmentatriċi dejjem dehret waħedha mhux assistita.

Barra minnhekk, il-Kapitolu 555 jipprovdi li m'hemm l-ebda nullita` dwar formalita` u dawn huma proċeduri informali, u hemm biss tlett rekwiżiti għal ilment[6]: li l-ilmentatur jindika min hu l-provditur tas-servizz; jgħid x'inhu l-ilment

[6] Kap. 555 Art 22(1)

tiegħu u r-raġuni dwaru u jindika x'qed jippretendi mill-Arbitru. Dawn l-ilmentaturi kollha għamluhom u għalhekk l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

Ir-raba' eċċezzjoni qed tiġi miċħuda għal dawn ir-raġunijiet ukoll u peress li mhux minnu li l-provditur ma setax jagħmel id-difiża tiegħu mill-mod kif inkiteb l-ilment. Tant hu hekk li għamel risposta estensiva.

Dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet qed jiġu miċħuda.

**Fil-MERTU**

L-ilment imressaq mis-Sinjuri NT u GT jittratta allegat telf minn fuq żewġ *bond portfolios* u, ċioe`, l- *BP 154* u l-*BP 192*, li skont huma tilfu minnhom l-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000) .

***Il-BP 154***

Dan kien *bond portfolio* ikkrejat minn *Crystal Finance Investments Ltd. (CFI )* u kien jikkonsisti f'investimenti f'żewġ *underlying investments* u, ċioe`, 75% fl-*Air Berlin* u 25% fir-*Republic of Hungary.*

Mid-dokumenti provduti, irriżulta li dan il-*bond portfolio* ġie mibjugħ f'Mejju 2016 għall-valur ta' €13,389.77. L-ammont investit f'Marzu 2013, hekk kif indikat fil-*Confirmation of Purchase*[7] datata l-5 ta' Marzu, 2013, u wkoll fit-*Transaction Order* [8] datata l-25 ta' Frar, 2013, kien ta' €14,000. Il-*Confirmation of Sale*[9] datata l-5 ta' Mejju, 2016, turi li meta l-ilmentaturi biegħu dan il-*bond* daħħlu s-somma ta' €13,389.77, jiġifieri daħħlu €610.23 anqas minn dak li oriġinarjament investew.

L-andament ta' dan il-portafoll ma kienx kif mistenni, u l-fattur prinċipali kien tal-*bond* sottostanti fl-*Air Berlin.* Mill-i*statements* provduti jidher ċar li bejn Ġunju 2013 u Ġunju 2015, kuntrarjament għall-maġġor parti tal-każi fejn il-prezz tar-*Republic of Hungary* kien qed jogħla, il-prezz tal-*Air Berlin* kien beda jonqos.

L-ilmentaturi biegħu dan il-portafoll qabel il-maturita` tiegħu f'Ġunju 2018, u jista' jkun li dan sar għaliex kienu infurmati li l-*bond* kien nieżel.

Pero`, jista' jingħad li mid-dokumenti provduti jidher li, għalkemm il-*bond portfolio* inbiegħ qabel id-data tal-maturita`, ma jidher li ġew applikati l-ebda

[7] A fol 82
[8] A fol 77
[9] A fol 107

*redemption charges* jew inkella *early exit fees*, u l-ilmentaturi rċevew ukoll il-*pro-rata* tal-kupun relattiv.

It-telf tal-kapital kien ta' €610.23, filwaqt li l-kupuni li kienu rċevew fuq dan l-istess investiment kienu jammontaw għal €2,084.86, [10] u għalhekk, f'dan il-każ partikolari ma jidhirx li b'mod raġonevoli l-ilmentaturi għamlu telf.

***<u>BP 192 5.75% EUR Bond Portfolio July 2018 I</u>*** huwa investiment ieħor li dwaru ġie mressaq l-ilment mis-Sinjuri NT u GT. L-ammont investit f'Novembru 2013, kien ta' €5,000, liema fond kien jikkonsisti f'erba' *bonds* sottostanti bir-rata tal-interessi li teċċedi s-6% u anke tilħaq id-9.75%. Il-*Client Review Form* tindika li l-ammont li kien ser jiġi investit kien ammont li kien intenzjonat li jiġi investit f'*bonds* ta' *Medserv plc*. Fl-ilment tagħhom, l-ilmentaturi saħqu li minn dan il-*bond fund,* flimkien mal-*bond fund* imsemmi aktar kmieni (*BP 154),* ġie ikkalkulat li ġarrbu telf ta' €3,000.

Hawn ta' min jinnota, li kien hemm xi problemi b'xi *bonds* sottostanti ta' dan il-fond, partikolarment, 9.75% *Ekotechnika GmbH* u 7.25% *German Pellets GmbH,* li l-valur tagħhom niżel drastikament.

Però, għalkemm l-ilmentaturi saħqu li huma ġarrbu telf minn dan il-*bond fund*, mid-dokumenti provduti jirriżulta li dan l-investiment inbiegħ f'Lulju 2014, għall-valur ta' €5,000, li huwa l-istess ammont li ġie oriġinarjament investit f'Novembru 2013.

Dan l-ammont ta' €5,000, ġie sussegwentement investit f'***<u>BP215 4% EUR High Yield Bond Portfolio 2021</u>*** fl-istess żmien, fejn a bażi tal-*Client Review Form*, wara laqgħa mal-*financial advisor*, huma qablu li jinbiegħ il-*BP192* u jinvestu d-dħul f'dan il-*bond portfolio.*

Għalhekk minn dan l-investiment il-konjuġi NT u GT ukoll ma ġarrbu l-ebda telf.

Għal dawn il-mottivi, l-Arbitru jiddeċiedi li, mill-*bond portfolios* li sar l-ilment dwarhom, il-konjuġi NT u GT ma ġarrbu l-ebda telf kif allegat minnhom.

Għal dawn il-mottivi l-Arbitru qed jiċħad l-ilment.

Dan mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni li l-ilmentaturi jidhrilhom li għandhom jieħdu ulterjorment in konnessjoni ma' investimenti oħra.

---

[10] A fol . 124, 129, 137, 143

Minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ, u peress li ġew miċħuda diversi eċċezzjonijiet tal-provditur tas-servizz, kull parti għandha ġġorr l-ispejjeż tagħha.

Dr. Reno Borg
Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji